MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 15/2008

Kawza fil-lista: 44

**A B sive C D**
**vs**
**E F G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-esponenti zzewget lill-konvenut fit-30 ta’ April 2004, minn liema zwieg ma twieldux tfal.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dritt u d-dmirjiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli

ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjoniji essenzjali taz-zwieg.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b’ mohhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

5. Illi l-imsemmi zwieg qatt ma gie kkunsmat.

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-Artikoli 19a u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(h).

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett.

Rat ir-risposta guramentata li bih il-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-esponenti zzewweg lill-attrici fit-30 ta’ April 2004 u minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

2. Illi l-esponenti jaqbel illi l-kunsens moghti f’ dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

3. Illi l-esponenti jaqbel illi l-partijiet qatt ma kkunsmaw l-imsemmi zwieg.

4. Illi l-esponenti jaqbel illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dritt u d-dmirijiet

taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-30 ta' April 2004 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel mat-talba attrici ghall-istess ragunijiet indikati mill-attrici fir-rikors taghha.

**Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewgu fit-30 ta' April 2004, meta allura l-attrici, cittadina maltija, kellha 50 sena, u l-konvenut, cittadin Bulgaru, kellu 27 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ghal xi zmien. Iz-zwieg ma giex ikkonsumat, u wara d-data taz-zwieg il-partijiet ma ghexux il-hajja konjugali bejniethom; tant li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Wara gimgha l-konvenut telaq mid-dar konjugali u beda, jew kompla, relazzjoni extra matrimonjali ma' tfajla Bulgara ta' l-eta' tieghu.

Jirrizulta mhux kontraddett li kien il-konvenut li kien qabad, u nsist li jkollu relazzjoni, ma' l-attrici li eventwalment cediet u dahlitu joqghod maghha fl-appartament taghha, u anke kellhom relazzjonijiet intimi. Wara ftit taz-zmien il-konvenut kien ippropona z-zwieg lill-attrici li, kuntrarjament ghal dak li kien qed jissuggerillha dak iz-zmien il-buon sens, hija accettat. Wara z-zwieg il-konvenut ma baqghax ifittex lill-attrici, allura martu, u wara ftit l-attrici ndunat li huwa kellu relazzjoni ma' mara ohra.

L-attrici ssostni li l-konvenut qatt ma kellu l-intenzjoni li jghix il-hajja konjugali maghha, izda zzewwigha bl-iskop uniku li jakkwista l-freedom of movement. Tghid: “huwa ried jirregola l-pozizzjoni tieghu hawn Malta peress li huwa kien qed jithallas inqas mill-maltin, u kellu problema biex imur jara l-familja tieghu peress li ma kellux freedom of movement.”

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta car li dan kien zwieg ta’ konvenjienza da parti tal-konvenut li, ghalkemm esternament ghadda minn cerimonja ta’ zwieg ma’ l-attrici, huwa ma kellux l-intenzjoni li jikkonvivi u jghix il-hajja konjugali maghha, liema obbligazzjoni necessarja ghaz-zwieg huwa kien eskluda nternament b’ att pozittiv tal-volonta tieghu fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu.

Ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha, fit-termini tal-paragrafu [[f] ta’ l-artikolu precitat fil-konfront tal-konvneut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-30 ta’ April 2004. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------